MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2005

Numru 347/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**MARIO MAGRO**

Illum 16 ta' Frar, 2005

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Magro ta' 50 sena, iben Angelo w Francesca nee` Caruana imwieled Naxxar fil-19 ta' Marzu 1953 residenti 24 'Zernieq ix-Xemx' Triq is-Salib Naxxar w bin-numru ta' identita` 330153(M) gie akkuzat:

Talli f'dawn il-gzejjer gewwa il-lokalita` tan-Naxxar fl-1 ta' Marzu 2003:

1. ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli specifikatament ghamel hsara fuq il-bieb ta barra w il-faccata tar-residenza 20 Triq is-Salib limiti tan-Naxxar ghad-dannu ta' terzi, liema hsara teccedi l-hamsin liri maltin (Lm50) izda ma teccedix l-hames mitt lira maltin (Lm500) w dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. w aktar talli fl-istess hin w cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta Catherine Bugeja ID 628259M w residenti 20 Triq is-Salib Naxxar liema feriti huma ta' natura gravi per durata hekk kif iccertifika it-tabib Dr Lawrence Galea MD w dan bi ksur tal-artikolu 216 1a(II) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malta

3. w aktar talli fl-istes lok hin w cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta haddiehor f'perikolu car ikkaguna feriti ta natura hafifa fuq il-persuna ta Rita Formosa ID 426368(M) hekk kif iccertifika Dr Michael Farrugia MD w dan bi ksur tal-artikolu 22(1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta

4. aktar talli fl-istess lok hin w cirkostanzi kiser il-bon ordni pubbliku b'ghajjat w glied

5. aktar talli fl-istess lok hin w cirkostanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha

6. aktar talli fl-istess lok hin w cirkostanzi ghamel lil Rita Formosa, Raymond Formosa, Josephine Bugeja, Catherine Bugeja, Jesmond Bugeja w Mario Bugeja ingurji jew theddid mhux imsemmi bad'ohra f'dan il-kodici jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

7. W aktar talli fl-istess lok hin w cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ora iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra

Josephine Bugeja, Jesmond Bugeja, Mario Bugeja w Raymond Formosa

Il-Qorti gie ukoll mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Mario Magro b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma flus li tigi ffissata mill-Qorti,

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. DT2 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Illi fis-Seduta tad-19 ta’ Mejju, 2003 xehed l-Ispettur Dennis Theuma fejn qal:

“Nghid illi fl-1 ta’ Marzu 2003 u dan ghall-habta tal-12.15m, il-pulizija tad-distrett tan-Naxxar giet nfurmata li kien hemm xi argument bejn familji fi Triq is-Salib limiti tan-Naxxar. Is-surgent ta’ l-ghassa PS1131 Justin Camilleri assistit minnn PC678 Bernand Burms marru minnufih fuq il-post u kif waslu fit-triq in kwistjoni nnutaw persuna ta’ sess maskili jghajjat mill-bieb tal-garaxx tieghu. F’idu din il-persuna kellha lembuba.

Hin minnhom dan ir-ragel hareg mill-garaxx tieghu u mar fid-direzzjoni ta’ residenza Nru 20 Triq is-Salib u beda jaghmel hsara fuq il-bieb ta’ barra ta’ l-istess residenza. Dan fil-presenza ta’ l-imsemmija pulizija. Mill-indagni li ghamlet il-pulizija rrizulta li l-persuna li kellha lembuba f’idejha kien l-imputat odjer presenti fl-awla, l-imputat Mario Magro, id 330153M. Inzid nghid li malli l-imputat Mario Magro lemah lill-pulizija, hu dahal jigri gol-garaxx tieghu u heba l-istess lembuba. Nghid illi wara din il-lembuba giet elevata minnd an l-istess garaxx mill-pulizija PS1131 u PS678. Nzid nghid illi bhala risultanza kien

hemm ir-residenza 20 Triq is-Salib Naxxar joghodu l-membri tal-familja Bugeja filwaqt li l-imputat Mario Magro joqghod fir-residenza nru 24 ftit metri l-boghod fl-istess triq. Nzid nghid illi wkoll rrizulta illi dawn iz-zewg familji ilhom snin twal miksurin bejniethom u mhux l-ewwel darba li saru rapporti fl-ghassa tan-Naxxar u ncidenti bejn dawn iz-zewg familji. Nzid nghid illi mir-rizultanzi l-incident beda meta Rita Formosa, wahda mill-ulied bniet tal-fmilja Bugeja harget barra tahsel u skond l-imputat Mario Magro din bdiet titfa l-ilma mahdmug fid-direzzjoni tla-garaxx tieghu, haga li skond l-imputat kienet ssir regolarment u dan bhala mezz ta’ provokazzjoni. L-imputat pprova jkellem lill-istess Rita Formosa biex titfa l-ilma f’direzzjoni ohra u minn hemm hekk inqala argument li ddegenera. Dan li qed nghid issa huwa skond dak li qalli l-imputat.

Skond il-verzjoni tal-familja Bugeja, l-imputat kien hareg hadida u hebb ghall-istess Rita Formosa. Mmedjatament harget ohtha Catherine Bugeja u ppruvat tiddefendi lil ohtha Rita bil-konsegwenza illi Rita sofriet griehi ta’ natura hafifa filwaqt li Catherine Bugeja sofriet griehi ta’ natura gravi……. Nzid nghid ukoll li allegatament Catherine Bugeja u ohtha Rita harbu mit-triq u ppruvaw jidhlu d-dar taghhom filwaqt li l-imputat Mario magro mar jigri warajhom bil-hadida u effettivament ghamel hsara li teccedi l-Lm100 fuq il-faccata u l-bieb ta’ barra tal-fond nru 20 Triq is-Salib Naxxar fejn toqghod il-familja Bugeja. Nzid nghid li l-imputat gie nterrogat dwar dawn l-allegazzjonijiet fl-ghassa ta’ B’Kara fl-10 ta’ Marzu 2003 minni u fil-presenza ta’ PC957 Charles Montebello. Nghid illi l-imputat nghata twissija skond il-ligi u rrilaxxja stqarrija fejn huwa stqarr li l-familja Bugeja ilhom snin imqabbdin mieghu u mal-familja tieghu u rigward dan il-kaz hu kien mar jitlob lil Rita Formosa biex ma titfax ilma fid-direzzjoni tal-propjeta tieghu u minflok hi bdiet toffendieh. Hargu wkoll il-familjari taghha ghalih. Meta ra hekk hu ammetta li kien hareg hadida biex jiddefendi ruhu izda nnega li hu kien ta biha daqqiet lil Catherine Bugeja u Rita Formosa jew xi membru iehor tal-familja Bugeja. Inzid nghid li l-imputat Mario Mgro nnega wkoll li ghamel xi hsara fuq il-bieb ta’ barra jew il-faccata tar-residenza tal-familja Bugeja. Qed nesebixxi stqarrija ta’ l-imputat dok DT4 illi

jien niddikjara li qed naghraf l-imsemmija stqarrija, liema stqarrija ggib id-data ta’ l-10 ta’ Marzu tas-sena 2003. Nikkonferma li jiena tajt it-twissija skond il-ligi lill-istess imputat fil-presenza ta’ PC957 C. Montebello. Qed naghraf il-firma ta’ PC957 C Montebello kif ukoll il-firma tieghu fuq il-faccata ta’ din l-istqarrija. Inzid nghid ukoll li l-imputat ghazel li ma jiffirmax dina l-istqarrija. Qed nesebixxi wkoll bhala dok DT5 certifikat mediku rigwardanti Catherine Bugeja rilaxxjat mit-tabib Dr. Lawrence Galea. Qed nesebixxi bhala dok DT6 certifikat mediku rigwardanti Rita Formosa, rilaxxjat mit-tabib Dr Michael Farrugia. Qed nesebixxi wkoll bhala dok DT7 u dok DT8 rispettivament zewg stimi, wahda minn Balzan Aluminium Works u l-ohra minn St Anthony Woodworks rigwardanti il-hsarat allegatament sofferti mill-familja Bugeja fil-propjeta taghhom. Qed nesebixxi bhala dok DT9 kanna tal-hadid. Qed nesebixxi wkoll bhala dok DT10 lembuba ta’ l-injam.”

Fl-istess Seduta tad-19 ta’ Mejju, 2003 xehed ukoll Dr. Michael Farrugia M.D. li qal:

“Qed nigi muri dok DT6. Nikkonferma li huwa certifikat mediku rilaxxjat minni fl-1 ta’ Marzu 2003. Nikkonferma l-kontenut ta’ dan id-dokument u nzid nghid li lil Rita Formosa l-pazjenta jien kont bghatta l-isptar ghal iktar testijiet. Nixtieq naghmel korrezzjoni li fil-fatt mhux lil Rita Formosa kont bghatt imma kont bghatt lil Catherine Bugeja. Nikkonferma li in kwantu ghal Rita Formosa b’referenza ghal dok DT6 nghid illi l-griehi li sofriet kienu ta’ natura hafifa u ma kienx hemm komplikazzjonijiet. In kwantu ghal Catherine Bugeja nghid li originarjament kont invistajta jiena imma hassejt il-htiega illi din tintbghat l-isptar u konsegwentement irreferejtha l-isptar San Luqa.”

Fid-19 ta’ Mejju, 2003 PS1131 Justin Camilleri xehed li:

“Nghid illifl-1 ta’ marzu 2003 ghall-habta tal-12.15pm dahal rapport fl-ghassa tan-Naxxar permezz tat-telefon fejn gejna nfurmati li go Triq is-Salib Naxxar kien hemm glieda. Tant li t-triq hija vicin l-ghassa jien flimkien ma PC678 morna mill-ewwel fuq il-post u ahna kif konna

qeghdin nidhlu ghal fewwa t-triq nara lil Mario Magro li qed naghrfu presenti bhala l-imputat fl-awla li kien jinsab fil-bieb tal-garaxx tieghu.  Hu beda jghajjat u hu kellu f'idu lembuba, liema lembuba qed naghraf hawn hekk bhala dok DT10.  Nikkonferma li jiena lill-imputat rajtu bil-lembuba f'idu u nghid li kif hu ra lili u lill-kollega tieghi ghal xi raguni l-imputat telaq jigri lejn il-bieb 20 Triq is-Salib Naxxar.  Ahna dak il-hin grejna lejh biex inwaqqfuh. Smajt hgieg jinkiser u nnutajt illi l-imputat beda jipprova jisgassa l-bieb ta' barra tal-fond nru 20 Triq is-Salib Naxxar.  nghid illi dak il-hin il-lembuba kienet ghadha f'idejh.  nghid illi dak il-hin li jien u l-kollega tieghi wasalna fuq il-post il-familja Bugeja ma kienux qeghdin barra. Nghid illi jiena hadt hsieb li hadd mill-familja Bugeja ma johrog mir-residenza tagghom filwaqt li PC678 ha hsieb lill-imputat li jipprova jikkwetah u jressqu lura.  nghid illi jiean f'dan l-istanza jien meta konna qeghdin fuq il-post lill-imputat smajtu jghid kliem oxxejn kif ukoll beda jghajjat b'mod li kien ghajjat ta' glied.  In kwantu ghal theddid jew ingurji bil-fomm nghid illi ma niftakarx preciz jekk kienx hemm jew le da parti ta' l-imputat versu terzi.  Bhala cirkostanza nikkonferma li l-imputat kien b'lembuba f'idejha.  Inzid nghid li mill-intrata tal-familja Bugeja elevajna hadida tal-metall li qed naghraf hawn bhala dok DT9.  Nghid li kemm l-imputat kif ukoll ta' Bugeja ppruvaw javvicinaw lejn xulxin b'sens agressiv.  Fil-fatt nghid li kienet difficli ghalija u ghall-kollega tieghi biex ahna nzommu kontroll tas-sitwazzjoni.  In kwantu ghal dok DT9 nghid li dan giet elevata mill-intrata tar-residenza ta' Bugeja situata fin-Nru 20 Triq is-Salib Naxxar.  In kwantu ghar-residenza ta' l-imputat, din hija nru 24 fl-istess triq. In kwantu ghall-hadida li jien gharaft bhala dok DT9 u li dina elevajt kif diga ghidt mill-intrata tar-residenza ta' Bugeja, jien kellimt dwarha lil Rita Formosa fejn din kienet spjegatli kif beda l-argument u skond hi dan beda billi hi kienet qeghda tahsel quddiem il-bieb tad-dar tal-mama taghha, u cioe r-residenza Nru 20 Triq is-Salib u hi kinset xi ftit ilma il-fuq lejn il-bieb tal-garaxx ta' l-imputat.  Dak il-hin x'hin induna b'dan l-imputat hu beda jghajjat maghha u x'hin semghu hekk, hut Rita u cioe tal-familja Bugeja dawn hargu biex jaraw x'kien gara.  Skond il-verzjoni ta' Rita imbghad l-imputat rritorna fil-garaxx tieghu u hareg

bil-hadida li ghamilt referenza ghaliha bhala dok DT9. Rita ziedet tghidli li wiehed minn hutha rnexxielu jiehu din il-hadida mill-kontroll ta' Mgro imbghad ghal hekk spiccat fl-intrata tad-dar taghhom. Skond Rita l-imputat kien hareg bil-hadida biex isawwat tal-familja Bugeja biha. Nxtieq nghid li l-kollega tieghi kien rnexxielu jdahhal lill-imputat lura fir-residenza tieghu imbghad l-lembuba dok DT10 giet elevata mir-residenza ta' l-imputat. Qed nesebixxi bhala dok JC1 l-okkorrenza. L-okkorrenza ghamiltha jien stess u hija ffirmata minni."

Fl-istess Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003, xehdet Rita Formosa fejn qalet:

"Nghid illi fl-1 ta' Marzu 2003 ghall-habta ta' xil-12.15pm jew 12.30pm, jienkont qeghda ghand ommi li toqghod 20 Triq is-Salib Naxxar u nghid ghal dak il-hin kont qed nixkupa l-ilma barra fit-triq. Hin minnhom imbghad l-imputat li qed naghrfu fl-awla bhala mario Magro hareg barra u beda jghajjat ma wicci. Beda jghidli li jien kont qed inwaddablu ilma mahmug. Qalli li hu kien qed jahsel u jien kont qed inhammiglu. Imbghad beda jghajjat u kliem oxxen. Nghid li imbghad l-imputat beda jghid kliem oxxen. Beda wkoll jidghi. Nghid li dak il-hin ma jidhirlix li l-imputat kien heddidni jew ingurjani. Jien x'hin sikkittu bdejt nghidlu li qed jisimghu in-nies u kien qed jghaggibha dwar l-ilma u konna qeghdin ukoll nsemmghu lil tal-familja, dak il-hin harget ohti ghax semghet l-ghajjat u kif harget ohti l-imputat hareg b'kanna. Qed nigi murija dok DT9 li hija kanna tal-hadid u nikkonferma li din kienet il-kanna li hareg biha l-imputat ghal ohti. Nghid illi imbghad l-imputat beda jxejjer din il-kanna u kieku mhux ghax ohti Catherine Bugeja ma lahqitx harget idha, kieku lili kien jolqotni f'rasi b'din il-kanna. Nghid illi d-daqqa haditha fuq idha ohti Catherine Bugeja. jien spiccajt b'idejja migrufin tax-xellug. ma nafx jekk hux bil-hadida li spiccajt bil-grif jew ghax xi hadd kien girifni billi xi hadd setgha gibidni. Nghid illi jien u ohti bdejna nwerzqu, kien hemm huti s-subien li waslu biex jieklu u semghu t-twerzieq u hargu barra, gew fl-idejn ma l-imputat. Ghal xi zewg sekondi s-sitwazzjoni qisu kkalmat imbghat kien hemm ragel certu Deo Micallef li gibed lill-impuatat gol-garaxx ta' l-istess

imputat. Ahna ghalaqna l-bieb u l-grada. Jien cempilt l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar mill-ewwel, biex nghidilhom x'gara. Il-pulizija ma damux ma gew. Nghid illi kien habbat il-bieb tad-dar taghna u dahal ir-ragel tieghi. Jiena gbidt lir-ragel tieghi gewwa. Jien kont qed nghid lir-ragel x'gara. Nghid li wara zewg minuti rajt lill-imputat gej b'lembuba u bi flixkun tal-Coca f'idejh u dan beda jkisser. Hu beda jkisser il-grada u l-bieb ta' barra tad-dar ta' ommi. Nghid illi jiena imbghad rajt lill-imputat jaghti bis-sieq il-bieb ta' barra tad-dar ta' ommi. Dan rnexxielu jifthu. Dahla gewwa fl-intrata. Hu mbotta s-siggu u tajjar statwa u nghid imbghad parti mill-istatwa tkissret. Qed nigi murija dok DT10 u nikkonferma li din kienet il-lembuba li l-imputat kellu f'idejh f'din ic-cirkostanza li qed nsemi. Lili gie jarani t-tabib Dr. Michael Farrugia. Jien kelli tbengil u grif f'idi x-xellugija. In kwantu ghall-kanna tal-hadid li qed naghraf bhala dok DT9 nghid illi din spiccat id-dar taghna ghax huti s-subien u ohti l-kbira kienu gibduha minn idejn l-imputat u poggewha fl-intrata tad-dar ta' ommi.

Fis-Seduta tad-19 ta' Mejju 2003, xehed ukoll PC 678 Bernard Bunns fejn qal:

"Nghid illi fl-1 ta' Marzu 2003 jiena flimkien mas-Surgent 1131 Justin Camilleri go l-ghassa tan-Naxar meta rcevejna telefonata fejn gejna nfurmati li kien hemm xi glied fi Triq is-Salib Naxxar.

Morna fuq il-post jiena u PS1131. meta wasalna fuq il-post nnutajna li l-imputat li qed ngharfu presenti fl-awla kien qieghed fejn il-garaxx tieghu. F'idejh kellu oggett ta' lewn kannella u nghid li qabel ma ahna ilhaqna wasalna ghal hdejh, huwa bil-girja qabez ghal fuq il-bieb tal-gar tieghu. Qed nigi muri dok DT10, nghid illi bhala oggett qed ngharaf il-kulur u t-tul pero ma niftakarx li l-oggett kien lembuba. Nixtieq nispjega li jien in kwantu ghal dan l-oggett dok DT10, nghid li din jiena nghatat lili mill-imputat wara li tlabtielu jiena u kienet qeghda fil-garaxx tieghu. Nghid ukoll li jiena l-informazzjoni li din il-lembuba kienet intuzat fl-istess incident, nghatajt mill-familjari Bugeja, filwaqt li l-imputat lili qalli li dik il-lembuba ma kinitx intuzat.

Nghid illi jiena lill-imputat meta wasalt fuq il-post rajtu li hu beda jigri lejbn id-direzzjoni tar-residenza ta' Bugeja, rajtu jaqbez ghal fuq il-bieb u jidhirli li qabez u ta fuq il-bieb kemm b'saqajh u kif ukoll bl-oggett illi l-bieb spicca biex infetah.

X'hin rajt hekk jien mort nigri u zammejt lill-impuat. Nghid illi jiena biex gbidt lill-imputat, ghall-ewwel beda jirresistini, kif ghidtlu biex jigi mieghi l-ghassa, qall li jrid jaghlaq il-garaxx ghax beza li jidhlulu gewwa. Ma niftakarx illi smajt lill-imputat jidghi kemm domt jien hemm hekk.

Mistoqsi jekk smajtx lill-imputat meta kien qieghed fuq il-post nghid li ma niftakarx. Naf li meta jien pruvajt inzommu lili beda jghajjat u jghidli biex inhallih. In kwantu ghal dok DT9 li qed nigi muri nghid li din hija kanna tal-hadid u din jien elevajtha mir-residenza tal-familja Bugeja."

Fis-Seduta tal-24 ta' Gunju, 2003 Jesmond Bugeja xehed:

"Nghid kienet il-gurnata tas-Sibt milux hafna din is-sena li jien kont gej mix-xoghol, dhalt id-dar u cioe fid-dar ta' ommi li hu 20 Cross Street Naxxar. Jien dhalt id-dar biex niehkol. Jien smajt storbju fit-triq, smajt lil ohti twerzaq. Jien hrigt barra u rajt lill-imputat presenti fl-awla u dan kellu hadida f'idu. Huwa beda jxejjer dinil-hadida u ahna hadnielu. Huwa beda jerfa idejh fuqohti bil-hadida. Huwa beda jimbotta bil-hadida. Qed nigi muri dok DT9 li hi l-hadida u nghid nikkonferma li din hija l-hadida li rajt lill-imputat jaghti biha. Jiena dhalt il-gewwa. Mieghi dahlu huti. Nghid li kif konna qeghdin gewwa smajt li l-imputat kien qieghed barra u dan beda jghid kliem hazin u jghajjarna. Huwa beda jghajjar lil ohti minn barra u nghid li ohti jisimha Katie. Nghid illi jiena minghand l-imputat daghha ma smajtx. Nghid li kif konna gewwa l-imputat gie u kisser il-bieb tad-dar ta' ommi. Nghid ohti Katie spiccat li weggat f'idejha meta l-imputat kien taha bil-hadida barra."

Fl-istess Seduta tal-24 ta' Gunju, 2003 xehed Mario Bugeja li qal:

“Jiena noqghod in-naxxar u r-residenza tieghi hi 20 Cross Street Naxxar. Jiena nghix ma ommi. Nghid ukoll fl-istess residenza jghix hija Jesmond Bugeja u ohti Catherine Bugeja. Nghid illi kien f’Marzu ta’ dinis-sena u kienet il-gurnata tas-Sibt illi jien kont gejt mix-xoghol u kont in-Naxxar, dhalt fir-residenza tieghi biex niekol is-soltu u smajt strobju barra fit-triq. Jien mill-istorbju gharaft li kien hemm ohti Rita u Catherine Bugeja li smajthom li bdew iwerzqu. Jiena hrigt. Nixtieq naghmel spjegazzjoni li fejn ghadni kif semmejt lil ohti Rita Bugeja nghid li Bugeja hu kunjomha xebba, ohti hija mizzewga u kunjomha issa issa hu Formosa. Jien hrigt barra wara li smajt l-ghajjat, jiena hrigt barra u rajt lill-imputat li qed ngharfu presenti fl-awla Mario Magri. Jiena cert li l-imputat kunjomu Magri. Jiena rajt lill-imputat bil-kanna f-idu. Qed nigi muri dok DT9 u nghid li qed ngharafha bhala il-hadida li kienet f’idejnl-imputat. Nghid li l-imputat beda jxejjer din il-hadida. Hu beda jxejjer dinil-hadida fuq huti l-bniet. Nghid ukoll li l-imputat beda jheddidna. Hu beda jghid li ser joqtolna wiehed wiehed u hrigna. Hu wkoll beda joffendina. Ma niftakarx sew jekk l-imputat bediex jghid kliem hazin jew oxxen jew daghha dak il-hin. Jienpruvajt nehodlu l-hadida minn idu u rnexxieli nehodielu. Imbghad ahna dhalna lura gewwa u imbghad gie l-imputat fejn il-bieb tad-dar ta’ ommi. Nghid li qabel ma l-imputat kisser il-bieb hu minn barra beda jghid kliem ta’ theddid fil-konfront taghna. Nghid li fl-incident li sehh barra mid-dar taghna l-imputat wegga subgha ta’ id ta’ ohti Catherine u lil ohti Rita barxilha wicca.”

Fl-istess Seduta tal-24 ta’ Gunju, 2003 xehdet ukoll Catherine Bugeja li qalet:

“Nghid li jien xebba u noqghod ma ommi gewwa 20 Cross Street Naxxar. Nghid huti Mario u Jesmond it-tnejn ukoll joqghodu maghna ghand ommi. Nghid illi fl-1 ta’ Marzu 2003 kienu bejn is-1.30pm jew is-1.45pm u jiena kont qeghda naqla l-hwejjeg minn fuq il-bejt, smajt hafna storbju fit-triq, smajt lehen ohti Rita Formosa u nghid li dak il-hin smajt ta’ magenbna li beda kliem oxxen lil ohti Rita. nghid illi dan il-kliem oxxen kien qed jghidu Mario Magro li

qed naghrfu hawn presenti fl-awla. Hu beda jkellem lil ohti hazin. Dan beda jghid ghax ohti tefghatlu l-ilma. Nixtieq nghid u nippreciza li fil-fatt huwa hu stess li jwaddab l-ilma. Nghid li ohti bdiet titkellem bil-mod magenb il-garaxx tieghu. Huwa wkolloltre l-fatt li beda jkellem lil ohti hazin beda wkoll jiggestikola b-idejh. Jiena inzilt nigri b'heffa isfel. Jien gbidt lil ohti. Kif l-imputat ra lili nghid li l-imputat infexx fi kliem oxxen u f'daghha u beda jghidilna biex mmorru wahda wahda. Hin minnhom l-imputat hareg b'kanna f'nofs tat-triq u beda jiccalingjana. Qed nigi murija dok DT9 nghid li hija kanna u kienet dinil-kanna li l-imputat beda jheddidna biha. Jien pruvajt nigbed lil ohti, hin minnhom l-imputat gie fferocjat bil-kanna f'idejh u beda jxejjirha. Huwa beda jxejjer ghal wicc ohti Ritaa. Jienpruvajt nevita li tintlaqat wicc ohti Rita u hrigt idejja u b'hekk imbghad l-imputat id-daqqa taha fuq idi. Nghid lilli imbghad ahna dhalna gewwa. Nixtieq nipreciza li gie certu Deo Micallef li hu girien u li dan dahhal lill-imputat fil-garaxx tieghu u lilna qalilna biex ahna nidhlu gewwa u ahna fil-fatt dhalna gewwa. U hsibna li s-sitwazzjoni kkalmat. Ahna cempilna lill-pulizija tan-naxar. Hin minnhom smajna il-bieb ihabbat bil-mod, gie ir-ragel ta' ohti ftahnilu u staqsiena x'gara u nghid li ahna mill-purtella miftuha tal-bieb rajna flixkun tal-Coca gej fu qil-bieb tad-dar taghna. Jien rajt lil min waddab il-flixkun u kien l-imputat. Huwa minn barra beda jghid hafna diskors ta' theddid u beda jghid ukoll kliem hazin u imbghad kellu bicca injama f'idu u beda jkisser il-bieb ta' barra tad-dar ta' ommi. Nghid illi l-bieb ta' barra ta' ommi sofra hsara estensiva. Nixtieq nghid li imbghad l-imputat sfornda il-bieb il-gewwa, dak il-hin lahqu gew il-pulizija u zammewh il-pulizija. Nghid illi imnalla lahqu waslu l-pulizija. Nghid illi wara gie t-tabib tad-dar tal-familja taghna Dr. Michael Farrugia li ezaminani u huwa qalli biex jien imbghad immur l-isptar u taghni karta biex mmur l-isptar. Nghid illi jiena sofrejt ksur ta' subghaja l-kbir ta' idejja tax-xellug. Jien ukoll kelli brix u tbengil fuq idejja t-tnejn. Nixtieq nzid nghid li sakemm gew il-pulizija u kienu qed jehdulna d-detaljit aghna gew hut l-imputat u nghid illi dawn kienu Joseph Magro u Rita Spiteri. Dawn bdew jghajjruna u bdew jehdduna u naf li dawn it-tnejn huma kienu tressqu l-Qorti dwar dan."

Fis-Seduta ta’ l-24 ta’ Gunju, 2003 xehed ukoll Anthony Formosa li qal:

“Jien noqghod 67 Mdina Road Naxxar u jien nigi r-ragel ta’ Rita Formosa nee Bugeja. nghid illi jidhirli li l-ewwel Sibt ta’ marzu tas-sena kurrent jien kont qieghed il-Mosta u dan xi haga ghall-habtiet ta’ wara li kien daqq nofs inhar imbghad tlajt id-dar tal-kunjata li hi situata gewwa n-Naxxar u li bhala ndirizz hu 20 Cross Street Naxxar. Nghid illi jiena meta mort id-dar tal-kunjata sibt lil marti, lil ohtha Catherine, lill-kunjata u wkoll lil zewg ahwa subien ta’ marti u cioe Mario u jesmond kienu gewwa d-dar. jiensibthom qed jibku u Rita marti qaltli li ta’ magenbhom kien ghamel ghaliha u kienet qaltli li kien Mario ta’ magenbna li ghamel ghaliha. Fis-sens li qed tghid ta’ magenbna qed tirreferi ghal ta’ magenb ir-residenza ta’ ommha. Nghid li oht il-mara Catherine Bugeja kienet qed tugahha idejha u l-mara tieghi kellha xi grif zghar. Jien staqsejt jekk kienux cemplu lill-pulizija u rripondewni li iva. Nghid li ftit wara u dan kif jien kont ghadni kif wasalt dan Mario kien waddab flixkun jidhirli tal-Coca fid-direzzjoni tal-bieb. Dak il-hin il-bieb kien imbexxaq u li kieku ma kienx hekk kien jolqot lil xi hadd gewwa. Nghid dan il-flixkun infaqa mal-bieb. Nghid jiena rajt lill-imputat iwaddab danil-flixkun liema imputat nghid li qed ngharfu presenti fl-awla. nghid li ahna pruvajna nghalqu il-bieb u ma tantx setgha jinghalaq ghax kien hemm il-hgieg imkisser u imbghad l-imputat beda jaghti bi speci ta’ lembuba mal-bieb. Nghid li huwa beda jheddidna biex ahna nohorgu u beda jghajjarna, dan minn barra. Nghid li l-bieb ghamillu hsara u kisser ukoll il-hgieg tal-bieb u nghid illi hu ma lahaqx dahal gewwa ghax lahqu gew il-pulizija u zammewh.”

Fis-Seduta tat-12 ta’ Settembru, 2003 xehed PC 957 Carmel Montebello li qal:

“Qed nigi muri dokument Dok. DT4 li hu statement ta’ l-imputat Mario Magro li qed ngharfu presenti fl-awla. Dan l-istatement hu minn foll 16, 17 u 18 tal-process. Nikkonferma li l-imputat nghata twissija skond il-ligi mill-

spettur Dennis Theuma. Qed ukoll ngharaf il-firma tieghi kif ukoll il-firma ta’ Spettur Dennis Theuma fuq kull faccata li jidhru fuq din l-istqarrija. Nikkonferma li kont presenti ghat-tehid ta’ din l-istqarrija. Nikkonferma wkoll li l-imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.”

Fis-Seduta tat-12 ta’ Settembru 2003 xehed ukoll Victor Scerri li qal:

“Qed nigi muri quotation ta’ St Anthony Woodworks li tinsab a foll 22 tal-process u mmarkata bhala dok. DT8. Nikkonferma li din il-quotation ghamiltha jien. Nghid jien kont gejt mitlub biex naghmel din il-quotation minn Guza Bugeja residenti 20 Cross Street Nxxar. Din il-kwotazzjoni jien ghamiltha fl-4 ta’ Marzu 2003. Din il-kwotazzjoni kienet dwar ta’ bdil ta’ balavostri, rrangar fis-serratura tal-bieb ta’ barra, rrangar ta’ daqqiet fuq il-faccata tal-bieb. Nghid inkluza mal-quotation pero mhux imsemmija fil-quotation hija wkoll tibdil ta’ hgieg tal-bieb ta’ barra u wkoll kelli fil-kwotazzjoni il-lostru mill-gdid tal-bieb ta’ barra. In kwantu ghall-kwotazzjoni l-ammonti kienu ta’ Lm230 bla VAT u Lm264.50 bil-VAT. Nghid jiena thallast l-ammont ta’ Lm264.50 u dan thallast issa recentement u ghandi nirrilaxxja d-debita ricevuta.”

In kontro-ezami l-istess xhud Victor Scerri qal:

“Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur ta’ l-imputat kemm kienu l-balavostri li jien biddilt dawn kienu tnejn. Dawn kienu balavostri rqaq ta’ l-injam formanti parti mill-bieb. Qed igi mistoqsi mill-avukat difensur ta’ l-imputat dwar kemm jigi jiswa l-bieb intier nghid li dan jigi madwar Lm480 minghajr il-hgieg u minghajr is-serratura u minghar il-VAT. Nghid li minn Lm230 li kien hemm dwar l-ammont totali tal-flus dovuti dan minghajr il-VAT nghid kien hemm Lm95 minnhom li kienu tal-lostru. Fl-opinjoni tieghi il-bieb in kwistjoni kien ilu ma jiehu lostru xi tlett snin. Dwar id-domanda jekk kienx hemm il-htiega li jigi llustrat kollu meta l-hsara kien fuq il-parti zghira nghid li meta wiehed irid jillostra bieb irid jillustrah kollu ghax jekk jaghmel parti zghira allura ma jkunx jaqbel. Nixtieq inzid nghid li dan il-bieb in kwistjoni kien ukoll f’kundizzjoni tajba. Inzid nghid

li bhala hsarat kien hemm ukoll daqqiet fuq il-paranki li huma parti wieqfa tal-bieb. Fuq dawn il-paranki kien hemm numru mhux hazin ta’ daqqiet zghar li kienu fondi gewwa dawn il-paranki. Nghid dawn kienu fondi qishom 4mm u nghid pero ma kienux daqqiet ta’ musmar. Nghid li lil Guza Bugeja ma kontx offrejtilha li jien il-bieb nirtukkjah biss. Hi kienet staqsietni x’hemm bzonn isir u jien kont ghidtilha li kellu bzonn isir il-lostru. Qed nigi mistoqsi mill-avukta difensur ta’ l-imputat jekk kemm-il darba jien lill-imputat kontx ghidtlu li jien kont offrejtilha li nirtukkjah u hi riedet li l-bieb ikun illustrat nghid li mhux veru jien lill-imputat Mario Magro ghidtlu hekk. Nghid li in kwantu tal-lostru tal-bieb qabel kien spray u jien l-lostru spray ghamiltu. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk jien stajtx il-bieb flok sprejjajtu bl-illustrat nirtukkjah nghid stajt nirtukkjah pero x-xoghol ma kienx jigi tajjeb. Inkwantu ghad-daqqiet li rreferejt ghalihom qabel nghid dawn kienu fil-paranki u fil-kugbien tal-bieb u dawn kien hemm madwar sitta sa tmien daqqiet.”

Fis-Seduta tat-12 ta’ Settembru, 2003 xehed ukoll Deo Micallef li qal:

“Jien noqghod 12 Cross Street Naxxar. Nghid xi imkien lejn April li ghadda jien kont id-dar gewa u smajt l-ghajjat u dan kien ghall-habta ta’ xil-11.00am jew 12.00pm. Jien hrigt. Nghid jiena nnutajt li kienet ghaddejja glieda fit-triq. Nnutajt fost in-nies lill-imputat Mario, Jesmond jidhirli kunjomu Buttigieg, oht Jesmond Rita Buttigieg, kien hemm oht ohra ma Jesmond u li kienu qeghdin fi glieda u li kienu qishom qeghdin jitmeku ma l-art. Kien hemm ghajjat u twerziq. Nghid li kien hemm Rita oht Jesmond li bdiet tghajjat u nghid qishom kollha bdew jghajjtu. Jien lill-imputat pero ma smajtux jghajjat. Jien ersaqt lejhom, qbadt lil Mario. Jien hadt lill-imputat Mario gewwa d-dar tieghu. Jien bdejt nitkellem mieghu u bdejt nghidlu biex jikkalma. Naf li imbghad Mario hasel wiccu. Nghid li Mario dan qas tkellem. Kien irrabjat iva pero kliem meta konna qeghdin gewwa ma qalli xejn. Nghid jien qable ma kont ersaqt lejhom u allura qabel ma kont dahhalt lill-imputat Mario gewwa nnutajt illi kemm l-imputat Mario kif ukoll Jesmond dawn bdew jigbdu fid-direzzjoni opposta

bicca hadida. Qed nigi muri d-dokument DT9 u nikkonferma li din kienet il-hadida li bdew jigbd l-imputat Mario u Jesmond Buttigieg. Nghid li jien rajt lil dawn it-tnejn jigbdu din il-hadida meta kienu qeghdin bejnil-garaxx ta' Mario u l-bieb ta' Buttigieg. Nghid li jien meta kien hemm din il-hadida qeghda f'idejn it-tnejn lihuma qbadt din il-hadida fis-sens li gbidtha u rmejtha ma l-art u imbghad dahhalt lil Mario gewwa gewwa daru. Jien lil Mario meta konna go daru ghidtlu biex jkkalma. Hu kien ecitat hafna. Jien imbghad nnutajt li l-imputat Mario beda jcempel li lhutu. Jien ghidtlu li ma kellux ghalfejn jaghmel hekk u imbghad Mario baqa go daru u jien talqt lejn id-dar tieghi. Wara ma smajt xejn izjed. Jien lill-imputat Mario Magro ilni nafu hajti kollha. Jien lil ta' Buttigieg nafhom kollha inkluz anke lil Jesmond ilni nafhom hajti kollha. Fil-fatt ahna kollha girien. In kwantu meta semmejt il-kunjom Buttigieg illum fid-deosizzjoni tieghi nghid minix cert li hu Buttigieg. Nghid li jista jkun ukoll li huwa Bugeja. Jien ma rajt ebda persuna involuta f'din il-glieda li ghamlet xi hsara fil-propjeta ta' xi terzi. Jien ma nafx min setgha gab il-hadida u ntroducieha f'din il-glieda ghax jien il-hadida rajtha meta kienu diga l-persuni li semmejt qed jaghtu fit-triq. Jien qabel ma dhalt lura d-dar wara li hrigt mid-dar ta' Mario Magro ma mortx nara il-bieb ta' barra tal-familja Bugeja. Meta jienkont fid-dar ta' l-imputat jien nnutajt li kellu demm fuq wiccu.

Ix-xhud Deo Micallef, fuq domandi in kontro-ezami, qal:

"Nikkonferma li meta kont qieghed fid-dar ta' Mario Magro wara li kont gbidtu lura u dahhaltu god-dar tieghi dak kellu demm fuq wiccu. Nghid ukoll li minn dak inhar sa llum in kwantu ghall-bieb ta' barra tar-residenza ta' Bugeja li jien meta semmejt ta' Bugeja kont qed nghid qabel ta' Buttigieg nghid li jien minn dak inhar sa llum qatt ma nnutajt jekk kienx hemm hsara jew le fuq il-bieb ta' barra tad-dar taghhom. Nixtieq nghid li jien ma tajtx kaz jekk kienx hemm hsara jew le fuq id-dar ta' Bugeja. Nghid jien qatt ma tajt kax kienx hemm hsara jew le fuq il-bieb u nghid ukoll li ma kien hemm xejn x'jigbidli l-attenzjoni li hemm xi haga partikolari fuq il-bieb."

In ri-ezami huwa qal:

"Jien meta nghaddi mit-triq ma nhasrix lejn il-bibien tan-nies u nimxi ghad-dritt."

Fis-Seduta tat-12 ta' Settembru, 2003 xehdet ukoll Josephine Bugeja li qalet:

"Nghid li jien kont tlabt stima ta' xoghol mill-Balzan Aluminium Works liema stima kienu tawni u kienet datata 4 ta' Marzu 2003. Din kienet stima ghall-grada tal-bieb u nixtieq nippreciza ovjament il-grada ta' barra l-bieb tad-dar tieghi li hi nru 20 Cross Street Naxxar. L-istima kienet ta' Lm45. nghid jiena wkoll kont tlabt stima fuq hsara tal-bieb tad-dar tieghi u din kont tlabtha mis-Sr. Anthony Woodworks u dawn kienu tawni stima fl-4 ta' Marzu 2003. Nghid l-istima kienet in kwantu ghal Lm230 bla VAT u Lm264.50 bil-VAT. Nghid dan ix-xoghol sar u jien kont hallast lis-St. Anthony Woodworks ta' dan. Jienhallastu l-Lm264.50. Nghid li r-residenza 20 Cross Street naxxar hija r-residenza tieghi. Qeghda mikrija lili u jiena nghix fiha. Anke in kwantu ghax-xoghol li ghamluli ta' Balzan Aluminium Works dan ix-xoghol kien sar u hallasthom Lm45. Nixtieq nghid ix-xoghol kien kagun minhabba hsara li kien ghamlilna Mario Magro u jien qed nindika lil dan Mario Magro bhala l-imputat presenti fl-awla.

Nghid li din il-glieda jidhirli li sehhet fit-2 ta' Marzu 2003 u dan kien xi nofsinhar. Jien kont qeghda dak inhar fil-kcina, gew is-subien mix-xoghol u kont ser naghtihom jieklu. Jien smajt storbju li kien gej minn barra t-triq u hrigt biex nara x'gara. L-ewwel hrigt jien. Jien rajt lill-imputat Mario Magro ixejjer kanna fid-direzzjoni ta' wliedi bniet. Qed nigi murija dokument DT9 li hija kanna u nikkonferma li din kienet il-kanna li beda jxejjer l-imputat Mario Magro u dan beda jxejjirha fil-konfront ta' wliedi il-bniet Rita Formosa u Catherine Bugeja. Imbghad hargu wliedi s-subien mid-dar tieghi li huma Mario u Jesmond Bugeja u dawn hadu l-kanna minn idejn l-imputat. Imbghad l-imputat dahal gewwa. Ahna wkoll dhalna gewwa. Jien ukoll smajt xi haga mal-bieb ta' barra u nnutajt li kien flixkun tal-Coca mkisser. Imbghad rajt lill-imputat jaghti

gol-bieb b'kienet qisha lembuba jew injama hoxna.  Qed nigi murija Dok DT10 u nghid li din kienet il-lembuba li qed naghmel referenza ghaliha li b iah l-imputat Mario Magro beda jaghti fuq il-bieb tad-dar tieghi u bl-istess lembuba kisser il-hgiega tal-bieb u li din hija hgiega kbira u li beda jaghti fuq il-bieb biha din il-lembuba.  Imbghad waslu l-pulizija.  Nghid li sakemm waslu l-pulizija fuq il-post l-imputat kien ghadu qed jaghti fuq il-bieb.  Nghid li waqt illi kien hemm il-glieda fit-triq li diga ghamilt referenza ghaliha li l-imputat beda jxejjer bil-hadida Dok DT9 nghid illi l-imputat kien laqat bl-idejn lil binti l-kbira Catherine Bugejau laqata fuq subghaja l-kbir ta' idjeha x-xellugija u din ghadha tbati bl-ugiegh sa llum fis-sens li kultant thoss l-ugiegh f'idejha.  Nghid li fil-hin li l-imputat laqat lil binti Catherine bil-hadida f'idejha Rita kienet qeghda wkoll presenti barra."

In kontro-ezami x-xhud Josephine Bugeja kompliet tixhed u tghid:

"Meta jiena kont barra qed nara din il-glieda nghid li xi hadd fl-art kien hemm pero ma nafx min kien.  Ma nafx jekk hux wiehed jew iktar minn wiehed li kien hemm ma l-art pero jien ma nistax nghid min kien li kien hemm ma l-art.  Nghid li wara li ahna konna dhalna lura d-dar u l-imputat kien rega dahal lura d-dar tieghu dan rega gie lura kif diga spjegajt u dan gie lura kif jien appena lhaqt ghalaqt il-bieb ta' barra u dan jigifieri ftit minuti wara li l-imputat kien diga dahal go daru.  Naf li Deo Micallef li hu girien minn taghna dan hareg biex iferraq.  Hu kien rnexxielu jferraqhom.  Kien Deo Micallef li dahhal lill-imputat Mrio Magro gewwa daru.  Qed nigi mistoqsija mid-difensur ta' l-imputat jekk jiena rajtx demm fuq wicc l-imputat Mario Magro nghid li ma nafx.  Nghid meta Mario Magro beda jxejjer bil-hadida fid-direzzjoni ta' wliedi l-bniet dawn pruvaw jehdulu l-hadida.  Nghid li fil-hin li jien hrigt il-hadida kienet qeghda f'idejn l-imputat Mario Magro precizament min ha l-hadida minn idejh ma nafx.  Ma neskludix li setgha kien Deo Micallef u setghet kienet ukoll binti Catherine li haditlu l-hadida.  Qed nigi mistoqsija mill-avukat difensur ta' l-imputat li x-xhud Deo Micallef kien qal li hu kien ha l-hadida meta din kienet f'idejn tnejn min nies

li kienet qeghda tingibed minn tnejn min-nies fosthom l-imputat, u wiehed mit-tfal tieghi u nghid li jista jkun li gara hekk. Il-bieb ta' barra taghna kien sofra hsara fis-sens li anke kellu jinbidel bicciet ta' l-injam. Il-bieb ta' barra kien kollu daqqiet. Kien hemm il-hgiega l-kbira tal-bieb imkissra, kellha wkoll tigi rrangata s-serratura u nghid li bil-fors kellu jsir lostru tal-bieb ghax inkella l-bieb ma jigix jaqbelu dan skond kif qalli l-mastrudaxxa."

Fis-Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003 xehdet Catherine Bugeja li qalet:

"Qed nesebixxi bhala Dok DND1 ricevuta fiskali fl-ammont ta' Lm264.50 rigwardanti it-tiswija tal-bieb inkluz ukoll il-lostru u wkoll jinkludu wkoll trangar tal-balavostir. Fil-fatt qed nesebixxi wkoll bhala Dok. DND2 li hija l-inovice li tindika fid-dettall ix-xoghol lijammonta ghal Lm264.50 li dwaru esebejt ir-ricevuta Dok. DND1. Nikkonferma ghal hekk li ahna hallasna dawn l-ispejjez u dawn gew imhallsa minn Guza Bugeja."

Fis-Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003 xehed ukoll Anthony Camilleri li qal:

"Qed nigi muri Dok DT7 li jinsab a foll 21 tal-process. Nikkonferma li din hija stima li jiena ghamilt u dan ghamiltha fuq talba ta' habib tieghi li jismu Kenneth li jidhirli kunjomu hu jew Xuereb jew Vassallo u nghid li din l-istima li hija fl-ammont ta' Lm45 ghamiltha bla ma rajtha u dan rigwardanti grada mkissra ta' l-aluminium. Fejn qeghda imwahhla dinb il-grada sa llum ghadni ma nafx fejn. Nixtieq nghid li jien dwar il-grada fuq il-post qatt ma rajtha. Nghid pero dan Kenneth kien gabli il-grada fuq il-post tax-xoghol tieghi Hal Balzan u imbghad jien rajtha dan il-grada. Anzi nixtieq nippreciza li kein halliehli mal-lanvrant. Nixtieq nghid li jien l-istima li tinsab a fol 21 tal-rpocess u sesbita bhala Dok. DT7 nghid din kont ghamiltha qabel ma rajt il-grada. Meta jien imbghad rajt il-grada ta' l-aluminium, din bhala hsara kellha caccis u pum u l-valur tal-hsara, nghid li jien imbghad rrizultali li bhala hsara l-ammont totali kien ta' Lm3 u dna nghid ghax habib tieghi jien tlabtu Lm3. nixtieq nghid li anke kieku ma kienx

habib tieghi bhala ammont ghat-tiswija tal-hsara kienikun ta’ Lm3 u nghid effettivament jien tlabtu Lm3 u imbghad dna kien taghni Lm5.”

In kontro-ezami x-xhud Anthony Camilleri kompla jixhed u jghid:

“Nghid li meta dan Kenneth gie originarjament biex jitlobni naghmel stima allura l-grada ma kontx rajtha hu kien qalli li hu kellu grada ta’ l-aluminium imkissra u minghalija jekk mhux sejjer zball kien qalli li kien xi hadd li kien laqatha bil-karozza meta kien irriversja.”

Fis-Seduta tat-3 ta’ Dicembru, 2003 xehed Dr. Lawrence Galea M.D. li qal:

“Qed nigi muri Dok DT5 li jinsab a foll 19 tal-process. Nikkonferma li din hija kopja fotostatika ta’ certifikat rilaxxjat minni. Qed ngharaf ukoll i l-firma tieghi fuq l-istess certifikat. Nista nikkonferma l-kontenut tac-certifikat inkluz il-fatt illi mid-dijanjosi tieghi jirrisulta li l-griehi sofferti minn Catherine Bugeja kienu gravi per durata. In kwantu ghan-natura tal-griehi nghid li dawn il-kagun taghhom jistghu jkunu diversi, jistghu jkunu minn waqa’ sa daqqiet. Jien nghid li lil Catherine Bugeja jien imbghad ma kontx ergajt rajtha.”

In kontro-ezami ix-xhud Dr. Lawrence Galea M.D. kompla jixhed u jghid:

“Nghid li jien mill-ezami li ghamilt fuq il-pazjenta jien kelli suspett li kien hemm ksur ta’ ghadma ta’ subgha u ghal hekk jien imbghad rreferjetha ghal iktar investigazzjonijiet medici. U fil-fatt rreferejtha ghal fresh trauma clinic. Fuq il-follow up ma naf xejn. Qed nigi mistoqsi mid-difiza jekk naf min kien it-tabib li ghamel follow up u nghid li minix f’posizzjoni li nirrispondi ghax ma nafx. Jien kkonkludejt li dawn kienu griehi gravi per durata ghax jien ssuspettajt ksur ta’ ghadma. Infatti kieku jien ma kontx issuspettajt ksur nghid ma kontx nibghata ghal follow up.”

In ri-ezami huwa kompla jixhed u jghid:

“Nghid li jien id-dijanjosi tieghi kienet ukoll bbazata fuq x-ray dwar is-suspett tal-ksur.”

In ri-kontro-ezami huwa kompla jixhed u jghid:

“Nghid jien kont ilni circa sena u nofs tabib meta ghamilt l-ezami ta’ l-imsemmija Catherine Bugeja rigwardanti c-certifikat mediku Dok DT5 a foll 19 tal-process.”

Fis-Seduta tat-3 ta’ Dicembru, 2003 rega’ xehed Victor Scerri li qal:

“Qed nigi murik Dok. END1 a foll 66 tal-process u nikkonferma li din hija ricevuta fiskali li jirn rrilaxxjajt lil Guza Bugeja fl-ammont indikat fl-istess ricevuta u cioe ta’ Lm246.50 u nikkonferma wkoll li jien rrilaxxjajt l-imsemmija ricevuta.”

Fis-Seduta tat-23 ta’ Marzu, 2004 xehed l-imputat Mario Magro li qal:

“Nghid illi s-Sibt, l-1 ta’ Marzu, 2003, nghid illi ghall-habta ta’ nofs in-nhar (12:00) jiena hrigt nittawwal biex nara kienx gie tal-hobz, u dana ittawwalt mill-garaxx tieghi peress li l-bieb tal-garaxx kien miftuh. Fil-pront nara lil Rita Formosa li kienet qieghda tiknes l-ilma minn fuq id-dar taghha ghal fuq id-dar tieghi. Nghid din ma kenitx l-ewwel okkazzjoni li dina kienet ghamlet hekk u jiena qatt ma kont ghidtilha xejn. Dak in-nhar iddecidejt li nghidilha illi l-ilma jaqleb ‘l isfel biex hi tiknes ‘l isfel. Hi bdiet tghajjat kemm tiflah li t-triq m’hi ta’ hadd u l-ilma twaddbu fejn trid.

Fil-pront harget tigri Catherine Bugeja, li tigi oht din Rita, din bdiet tghajjarni u tinsulentani u bdiet tghidli kliem dispegjattiv fil-konfront tieghi, fosthom ghajritni ‘pufta’. Imbaghad Catherine hatfitni minn ghonqi u hargu jigru hutha s-subien Mario u Jesmond flimkien ma ommhom. Dawn dawruni, dawn tefghuni ma’ l-art u bdew ituni bis-sieq. Fil-pront jiena sgiccajt minn tahthom u ghaddast rasi gewwa l-garaxx tieghi.

Jiena pprovajt naghlaq il-bieb tal-garaxx biex ma jidhlulix gewwa, pero` jiena bdejt nimbotta 'l barra u huma bdew jimbottaw 'il gewwa u jiena ghalhekk ma stajtx naghlaq. Nghid jiena wara l-bieb tal-garaxx kelli pajp ta' l-ilma tal-hadid; dana nuzah ghal skopijiet li jekk jidhluli karti fil-katusa jien nohroghom.

Jiena qbadt il-pajp, nghid jiena imbuttajt lil Mario u lil Jesmond b'dan il-pajp 'il barra. Dawn kienu qieghdin bejn l-ghatba tal-garaxx u t-triq u jiena imbuttajthom 'il barra fuq it-triq. Imbaghad fil-pront Mario hatafli l-pajp minn quddiem. Jien ingbidt 'il barra u ghalhekk spiccajt 'il barra mill-garaxx. Regghu dawruni. Nghid il-pajp kien ghadu bicca f'idejn Mario u bicca f'idejja, it-tnejn nigbdu.

Fil-pront inqala' Deo Micallef, hadilna l-pajp u dana imbaghad lili gibidni 'l gewwa l-garaxx tieghi u qala' lill-ohrajn minn fuqi ghax dawn kienu regghu intefghu fuqi. Jiena bil-pajp tal-hadid li kelli ma jidhirlix li lqatt lil xi hadd. Jiena b'dan il-pajp ma xejjirtx bih. Jiena b'dan il-pajp imbuttajt. Jiena ma jidhirlix illi n-nisa imbuttajthom bil-pajp ghalkemm dwar dan miniex cert.

Imbaghad tela' Mario fuq il-bejt, u dan qed nirreferixxi ghal hu Rita, u dana tela' fuq il-bejt tad-dar ta' ommu, huwa beda jghajjarni kemm jiflah li jiena 'pufta'. Nghid dana beda jghajjarni meta jiena kont hrigt barra ghax kont qieghed nistenna lil hija jigi halli jien immur il-Poliklinika. Nghid illi sakemm kien ghadu qed jghajjarni Mario s-Surgent kien ghadu ma giex fuq il-post. Is-Surgent lili wkoll kien issuggerieli illi jien immur il-Poliklinika, u nghid illi dan Mario, oltre li beda jghajjarni stedinni biex jiena nersaq lejn il-bieb tad-dar taghhom. Nghid illi hu f'idejh kellu briksa tas-sitta mid-dojoq biex ikun jista' iwaddabhieli. Jien ghidlu li jekk hu ried jiggilidli kien jinzel wahdu, mhux kollha f'salt.

In kwantu ghall-bieb tad-dar ta' omm Rita, jiena dan mhux veru li sgassajtu. Li jista' jkun hu li tajt f'xi hin minnhom daqqa ta' lembuba fuq il-bieb, pero` ma niftakarx ezatt. Jidhirli jiena din il-lembuba kienet ilha fil-garaxx tieghi xi

disgha u ghoxrin (29) sena.  Jista’ jkun li dina l-lembuba jiena qbadtha mill-garaxx tieghi x’hin Mario kien bil-briksa fuq il-bejt.  Dina l-lembuba jiena ma tajt lil hadd biha, dana in kwantu ghall-persuna, u voldieri jiena ma tajt lil hadd b’din il-lembuba fuq xi persuna.  Jista’ jkun li jiena tajt xi daqtejn fuq il-bieb ta’ omm Rita bil-lembuba.  Nghid bid-daqqa tal-lembuba tkissret hgiega mill-bieb ta’ omm Rita.

Nghid illi l-bieb kien imbexxaq, imbaghad il-bieb infetah. Jiena ma waddabt xejn fl-intrata tad-dar ta’ omm Rita. Jiena ma dhaltx gewwa fid-dar ta’ omm Rita.  Nghid illi l-hgiega tal-bieb x’aktarx li nkisret bid-daqqa tal-lembuba li tajt jien.

Qieghed nesebixxi certifikat mediku rilaxxjat mill-Poliklinika tal-Mosta rigwardanti griehi li jiena sofrejt f’dana l-incident, li qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. MMA1.  Qed nesebixxi wkoll tliet (3) ritratti li qieghdin jigu esebiti u mmarkati rispettivament bhala Dok. MMA2, MMA3 u Dok. MMA4, u dawna juru griehi li jiena sofrejt fuq wicci.

B’referenza ghar-ritratt Dok. MMA2 nghid hawnhekk nindika griehi li ghandi fuq ghonqi u nghid dawna ghamlithomli Catherine Bugeja, dana x’hin hatfitni minn ghonqi.  Fuq il-griehi l-ohra li jidhru fit-tliet ritratti, nghid dana ma nistax nindividwa ezatt il-persuna, pero` kien xi hadd minnhom u cjoe` minn Catherine, Rita, Mario, Jesmond u ommhom.  Nghid dawna graw mill-istadju illi Catherine kienet hatfitni minn ghonqi sa l-istadju li mbaghad l-erbgha li huma tefghuni fl-art, fis-sens illi qed nghid erbgha ghaliex l-omm tat daqqa t’id imma mhux daqs l-ohrajn ghax kieku kienu jkunu hamsa.”

Fuq domandi in kontro-ezami l-imputat kompla jixhed u jghid:

“Jiena naqbel illi jiena kont irrilaxxjajt Stqarrija lill-Pulizija. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur tal-parte civile jekk jiena hux minnu li fl-Istqarrija ma semmejt xejn dwar dina l-briksa li gejt mhedded li qalli li ha jwaddabli Mario, nghid jidhirli li lill-Ispettur jghidtlu pero` miniex cert.  Jidhirli li

ghidtlu waqt li kien qed johodli l-i'Statement', pero` miniex cert. F'kaz illi mhix imnizzla, allura jista' jkun illi jiena lill-Ispettur ma ghidtlu xejn dwar din. Jiena cert illi lis-Surgent kont ghidtlu illi Mario kien bil-briksa fuq il-bejt. Jiena dwar dak li xhed illum dwar il-briksa ta' Mario jidhirli li lis-Surgent ghidthielu kollha.

Jiena miniex cert jekk kontx ghidt lill-Ispettur dwar din tal-briksa, pero` lis-Surgent cert li ghidtlu. Jiena in kwantu qal li ghamilt xi hsara fuq il-bieb ta' omm Rita naqbel illi ghamilt xi hsara, pero` mhux dik il-kwantita` ta' mijiet ta' liri hsara li qed tigi allegata. In kwantu ghall-hgiega tal-bieba ta' barra ta' omm Rita dik kissirtha jien. Dwar il-panew ta' l-istess bieb nghid illi jiena tajt xi daqtejn jew tlieta bil-lembuba. Nghid illi waqt il-glied wiehed ma jitkellimx b'mod baxx, u jiena ghalhekk ghajjatt. Jiena ma dghajtx. Nghid illi jiena kliem pastaz, fis-sens kliem oxxen, jista' jkun li ghidt pero` dagha ma dghajtx.

Dwar il-periti li allegatament sofriet Catherine, dana wiehed ma jistax jghid min ghamilhomlha, ghax setghu laqtuha huma stess. Nghid illi s-sitwazzjoni kienet li dawn kienu hamsa fuqi.

Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur tal-parte civile illi allura skond jiena dawn il-hamsa gew u qabzu fuqi, allura dawna laqtu lil ohthom? Nghid jista' jkun li dawn spiccaw li laqtu lil ohthom. Jiena l-hadida qbadtha biex niddefendi ruhi.

Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur tal-parte civile jekk jiena hux imdorri inzomm armi fuqi, nirrispondih 'Dak int qed tghidu'."

Il-Qorti hi tal-fehma li rigward l-ewwel akkuza li tirrigwarda ir-reat kontemplat fl-artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tali akkuza tissussisti.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel is-segwenti referenzi:

(i) Bran mid-deposizzjoni tax-xhud Rita Formosa fejn fis-Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003, din, *inter alia*, qalet:

"Nghid li wara zewg minuti rajt lill-imputat gej b'lembuba u bi flixkun tal-Coca f'idejh u dan beda jkisser. Hu beda jkisser il-grada u l-bieb ta' barra tad-dar ta' ommi. Nghid illi jiena imbaghad rajt lill-imputat jaghti bis-sieq il-bieb ta' barra tad-dar ta' ommi."

(ii) Bran mid-deposizzjoni tax-xhud Jesmond Bugeja fejn, fis-Seduta tal-24 ta' Gunju, 2003, *inter alia*, qal: "Nghid li kif konna gewwa l-imputat gie u kisser il-bieb tad-dar ta' ommi."

(iii) Bran mid-deposizzjoni tax-xhud Catherine Bugeja li fis-Seduta tal-24 ta' Gunju, 2003, *inter alia*, qalet: "Hin minnhom smajna il-bieb ihabbat bil-mod, gie ir-ragel ta' ohti ftahnilu u staqsiena x'gara u nghid li ahna mill-purtella miftuha tal-bieb rajna flixkun tal-Coca gej fu qil-bieb tad-dar taghna. Jien rajt lil min waddab il-flixkun u kien l-imputat. Huwa minn barra beda jghid hafna diskors ta' theddid u beda jghid ukoll kliem hazin u imbghad kellu bicca injama f'idu u beda jkisser il-bieb ta' barra tad-dar ta' ommi. Nghid illi l-bieb tad-dar ta' ommi sofra hsara estensiva."

(iv) Bran mid-deposizzjoni tax-xhud Anthony Formosa li fis-Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2003, *inter alia*, qal: "Nghid li ftit wara u dan kif jien kont ghadni kif wasalt dan Mario kien waddab flixkun jidhirli tal-Coca fid-direzzjoni tal-bieb. Dak il-hin il-bieb kien imbexxaq ……………" "Nghid dan il-flixkun infaqa mal-bieb. Nghid jiena rajt lill-imputat iwaddab danil-flixkun liema imputat nghid li qed ngharfu presenti fl-awla. Nghid li ahna pruvajna nghalqu il-bieb u ma tantx setgha jinghalaq ghax kien hemm il-hgieg imkisser u imbghad l-imputat beda jaghti bi speci ta' lembuba mal-bieb."

(v) Fis-Seduta tat-12 ta' Settembru, 2003 ix-xhud Josephine Bugeja, *inter alia*, xehdet li rigward il-hsara tal-bieb tad-dar taghha hi hallset Lm264.50 lis-St Anthony Woodworks.

Fl-istess Seduta, l-imsemmija xhud qalet ukoll *inter alia* li: "Jien ukoll smajt xi haga mal-bieb ta' barra u nnutajt li kien

flixkun tal-Coca mkisser.  Imbghad rajt lill-imputat jaghti gol-bieb b'kienet qisha lembuba jew injama hoxna.  Qed nigi murija Dok DT10 u nghid li din kienet il-lembuba li qed naghmel referenza ghaliha li b iah l-imputat Mario Magro beda jaghti fuq il-bieb tad-dar tieghi u bl-istess lembuba kisser il-hgiega tal-bieb u li hija hgiega kbira u li beda jaghti fuq il-bieb biha din il-lembuba."

(vi)  Ix-xhud Catherine Bugeja fis-Seduta tal-20 ta' Ottubru, 2003, esebiet "Dok DND1 ricevuta fiskali fl-ammont ta' Lm264.50 rigwardanti it-tiswija tal-bieb inkluz ukoll il-lostru u ukoll jinkludu ukoll trangar tal-balavostir."

(vii)  L-imputat Mario Magro fis-Seduta tat-23 ta' Marzu, 2004 *inter alia* xehed illi: "Jista' jkun li jiena tajt xi daqtejn fuq il-bieb ta omm Rita bil-lembuba.  Nghid bid-daqqa tal-lembuba tkissret hgiega mill-bieb ta' omm Rita."

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal parti mill-istqarrija tal-imputat (Dok DT4 li tinsab minn fol 16 sa fol 18 tal-process) u cioe`:

"T.  Nghid li jien mhux veru mort nkisser il-bieb tal-familja Bugeja …."
"M.  Qed nurik lembuba ta' l-injam kulur car.  Jekk nghidlek li int din il-lembuba uzajta biex taghti fuq il-bieb ta barra tar-residenza tal-familja Bugeja xi tghidli?
T.  Le mhux veru."

Rigward it-tieni akkuza li tirrigwarda ir-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza tirrizulta b'mod sodisfacenti.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni tax-xhud Rita Formosa li fis-Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003, *inter alia*, qalet:  "Qed nigi murija dok DT9 li hija kanna tal-hadid u nikkonferma li din kienet il-kanna li hareg biha l-imputat ghal ohti.  Nghid illi imbghad l-imputat beda jxejjer din il-kanna u kieku mhux ghax ohti Catherine Bugeja ma lahqitx harget idha, kieku lili kien jolqotni f'rasi b'din il-kanna.  Nghid illi d-daqqa haditha fuq idha ohti Catherine Bugeja."

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghac-certifikat mediku li jinsab a fol 19 tal-process u esebit bhala Dok DT5 u d-deposizzjoni ta' Dr Lawrence Galea MD moghtija fis-Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003 u li giet riportata aktar qabel f'din is-Sentenza.

Inkwantu ghat-tielet akkuza li hi inkwadrata fl-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata b'mod sodisfacenti. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Mario Bugeja li fis-Seduta tal-24 ta' Gunju, 2003, fejn dan ix-xhud, *inter alia*, qal: "Nghid li fl-incident li sehh barra mid-dar taghna l-imputat wegga subgha ta' id ta' ohti Catherine u lil ohti Rita barxilha wicca." (sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti tosserva li minn ezami tac-certifikat mediku Dok DT6 li jinsab a fol 20 tal-process ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' brix fuq wicc Rita Formosa.

Ix-xhud Rita Formosa fid-deposizzjoni taghha moghtija fis-Seduta tad-19 ta' Mejju,2003, *inter alia* qalet: "……………., jien spiccajt b'idejja migrufin tax-xellug. ma nafx jekk hux bil-hadida li spiccajt bil-grif jew ghax xi hadd kien girifini billi xi hadd setgha gibidni."

Dan fil-fehma tal-Qorti jirrizulta f'dubbju ragjonevoli dwar il-htija ta' l-imputat rigward l-imsemmija tielet akkuza u ghalhekk dan id-dubbju ghandu jmur favur l-imputat.

Inkwantu ghar-raba' akkuza (art. 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta), il-hames akkuza (art. 338 (bb), 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta), is-sitt akkuza (art. 339 (1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u is-seba' akkuza (art. 339 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-fehma tal-Qorti tali akkuzi kollha jirrizultaw b'mod sodisfacenti. Rigward ir-raba' akkuza w il-hames akkuza il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni tax-xhud Rita Formosa moghtija fis-Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003 fejn din ix-xhud b'referenza ghall-imputat, *inter alia*, qalet: "Imbaghad beda jghajjat u kliem oxxen. Nghid li imbghad l-imputat

beda jghid kliem oxxen. Beda wkoll jidghi. Nghid li dak il-hin ma jidhirlix li l-imputat kien heddidni jew ingurjani. Jien x'hin sikkittu bdejt nghidlu li qed jisimghu n-nies ………"

Rigward is-sitt akkuza (art. 339 (1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjonijiet tas-segwenti xhieda:

(i) Jesmond Bugeja li ta fis-Seduta tal-24 ta' Gunju, 2003 fejn dan ix-xhud, *inter alia*, qal: "Jiena dhalt il-gewwa. Mieghi dahlu huti. Nghid li kif konna qeghdin gewwa smajt li l-imputat kien qieghed barra u dan beda jghid kliem hazin u jghajjarna. Huwa beda jghajjar lil ohti min barra u nghid li ohti jisimha Katie."

(ii) Catherine Bugeja li fis-Seduta tal-24 ta' Gunju, 2003, *inter alia*, b'referenza ghall-imputat qalet: "Huwa minn barra beda jghid hafna diskors ta' theddid ………"

(iii) Anthony Formosa li fid-deposizzjoni tieghu tal-24 ta' Gunju, 2003, b'referenza ghall-imputat, *inter alia*, qal: "Nghid li huwa beda jheddidna biex ahna nohorgu u beda jghajjarna dan minn barra."

Rigward is-seba' akkuza (art. 339 (1)(b) tal-Kap 9) il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti bran mid-deposizzjoni ta' Catherine Bugeja fis-Seduta tal-24 ta' Gunju 2003 fejn, *inter alia*, qalet: "Nghid illi imbghad ahna dhalna gewwa" "…………" "…….. u nghid li ahna <u>mill-purtella miftuha tal-bieb</u> rajna flixkun tal-Coca gej fu qil-bieb tad-dar taghna. Jien rajt lil min waddab il-flixkun u kien l-imputat. Huwa minn barra beda jghid hafna diskors ta' theddid u beda jghid ukoll kliem hazin u imbaghad kelu bicca injama f'idu u beda jkisser il-bieb ta' barra tad-dar ta' ommi." (Sottolinjar tal-Qorti).

Rat l-artikoli 325 (b), 216 (1)(d), 338 (dd), 338 (bb), 342, 339 (1)(e) u 339 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputat Mario Magro hati tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames

akkuza, is-sitt akkuza u s-seba' akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li qieset il-fedina penali tal-imputat (Dok DT3), u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Mario Magro ghall-piena komplessiva ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija u tordna li din is-sentenza inkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputat Mario Magro jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inkwantu ghat-tielet akkuza li hi inkwadrata fl-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imsemmi imputat Mario Magro mhux hati ta' din l-akkuza ghar-raguni esposta aktar qabel f'din is-sentenza u minnha tilliberah.

Inoltre a tenur tal-artikolu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti torbot lill-imputat Mario Magro b'obbligazzjoni personali ta' mitt Lira Maltin (Lm100) li jzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qeghda wkoll, a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-oggett esebit bhala Dok DT9 (kanna tal-hadid) u tal-oggett esebit bhala Dok DT10 (lembuba ta' l-injam).

Finalment il-Qorti qed taghti lil-imputat Mario Magro l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------